**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 30 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 1765/01AE**

**Raymond Mifsud**

**Vs**

**Michael Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm1,025.89), rizarciment ta' zewg terzi mid-danni komplessivi li garrab u sofra bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh gewwa Hal Qormi fl-20 ta' Frar 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed

isuq il-vettura numru FBH 631 habat mal-vettura bin-numru IMY 298 propjeta ta' l-attur u misjuqa minnu – ghal liema incident il-konvenut huwa responsabbli fi grad ta' mhux iktar minn zewg terzi.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidra:

1. Fl-20 ta' Frar 2001 sehh incident tat-traffiku fl-inkrocju bejn Triq is-Sajf u Triq id-Deheb Fin, Qormi.

2. L-attur kien qieghed isuq vann Transit (numru IMY 298) niezel minn Triq id-Deheb Fin, li hija ghan-nizla. Min-naha tieghu l-konvenut kien qieghed isuq vann Kia (numru FBH 631) u kien ghaddej minn Triq is-Sajf. Waqt l-access li nzamm fis-26 ta' April 2002, il-kontendenti qablu li l-konfigurazzjoni tat-toroq u l-ambjent fejn sehh l-incident, ghadhom l-istess kif kienu dakinhar li sehh l-incident. Dan gie kkonfermat ukoll

minn PS 364 Joseph Mangani (l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz).

3. Fl-ewwel lok irid jigi stabbilit jekk wahda minn dawn it-toroq hijiex triq principali, jew jekk humiex toroq ta' importanza ugwali. Huwa maghruf li min ikun ghaddej minn triq principali ghandu dritt li jippretendi li s-sewqan tieghu ma jigix ostakolat minn sewwieqa li jazzardaw johorgu ghal fuq triqtu minn go toroq sekondarji. Waqt l-access irrizulta li m'hemmx sinjali fit-toroq li jiddeterminaw l-importanza relattiva ta' dawn it-toroq. Kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet: **Patrick Boffa vs Olga Mifsud** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1993 (Imhallef J. Said Pullicino): *"is-sewwieq irid jaghmel l-apprezzament tieghu tal-importanza tat-toroq li jiffurmaw l-inkrocju bl-applikazzjoni tal-elementi nozzjonali bazilari – principalment vizivi – bhal wisa' tat-toroq, il-funzjoni direzzjonali taghhom, xi traffiku jiehdu w is-surface li ghandhom. Tali apprezzament ghandu jsir l-aktar – jekk mhux esklussivament ghax altrimenti wiehed irid jobdi d-direttivi moghtija – proprju fil-kazijiet fejn ma hemmx sinjali li jindikaw l-importanza relattiva tat-toroq. Dan l-apprezzament, inoltre, irid isir fil-mument meta l-inkrocju jkun ser jigi ttraversat ghaliex l-importanza tat-toroq hi suxxettibbli li tinbidel minn zmien ghal zmien, u minn lok ghall-iehor, jekk jinbidlu c-cirkostanzi ambjentali jew ir-regolamenti tat-traffiku fl-inhawi. Jista per ezempju, jigri li*

*tinbidel rotta tal-karrozza tal-linja, trid tinghata l-hot asphalt jew jizdied notevolment il-volum tat-traffiku minhabba l-introduzzjoni ta' sistema one way. Kollha elementi li jistghu jinfluwenzaw fuq l-importanza o meno tat-triq"* (ara wkoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Cortis vs Emmanuel Galea** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 1994).

4. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-kaz odjern ma jitrattax dwar triq principali u sekondarja, izda toroq ta' importanza ugwali. M'hemmx ic-cirkostanzi li ssemmew fil-gurisprudenza fuq citata li jista' jwassal lit-Tribunal biex jiddikjara li wahda mit-toroq hija principali. F'dawn ic-cirkostanzi z-zewg sewwieqa kienu obbligati li jersqu lejn l-inkrocju bi prudenza kbira u jieqfu biex jesploraw it-toroq. Kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Bellizzi proprio et noe vs Joseph Vella** deciza fis-27 ta' Gunju 1976: *"Jinkombi indistintament lil kull sewwieq li jkun qed jersaq lejn inkrocju format minn zewg toroq tal-istess importanza, li jipprocedi bil-mod ferm u li ma jittraversax dak l-inkrocju qabel ma jkun accerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni li ebda vettura ohra ma tkun riesqa hi wkoll lejn l-istess inkrocju, sia fuq il-lemin kemm altru, fuq ix-xellug..... Infatti sakemm ma jasalx fl-inkrocju u ma jesplorax diligentement, ebda sewwieq li jkun behsiebu jittraversa, ma jista' jkun jaf, minn qabel, minn liema naha u taht liema cirkostanzi tista' titfaccalu vettura ohra, u quindi tispettax lilu jew lill-iehor, id-dritta. Kull sewwieq ghalhekk, li*

*jonqos minn dan id-dmir tieghu ghandu jitqies li jkun ikkontribwixxa ghal kull eventwali kollizzjoni li tista' tivverifika ruhha, b'dan biss li fid*-*determinazzjoni tal-grad ta' htija ta' kull wiehed miz-zewg sewwieqa, li jkunu naqsu t-tnejn mid-dmir, jista' jittiehed in konsiderazzjoni r-right of way preskritt mill-imsemmija regolament 68 tal-MV Regulations".* Kwalsiasi kumment iehor huwa superfluwu.

5. Il-fatt li wahda mill-vetturi tasal qabel l-ohra fuq l-inkrocju, ma jaghtix b'daqshekk *carte blanche* lil dan is-sewwieq li jaqbad u johrog. Kif tajjeb gie osservat fil-kawza fl-ismijiet **Paul Mamo vs John Muscat Doublesin** (Vol. XLVII.ii.732), il-fatt li vettura tilhaq tasal fuq l-inkrocju l-ewwel ma jfissirx b'daqshekk li *"hi ghandha dritt minnufih tibqa' ghaddejja bla ma taghti kaz x'vetturi jkunu gejjin minn direzzjonijiet ohra. Kull vettura li tilhaq fuq l-inkrocju hi ghalhekk obbligata tieqaf ghal kollox jew kwazi biex tesplora xi traffiku jkun gej minn nahat ohra. U jekk jirrizulta illi jkun ser jilhaq fuq l-inkrocju prattikament fl-istess hin anke jekk instanti warajh traffiku fuq ix-xellug tieghu* (illum wara l-emendi fir-regolamenti "il-lemin"), *hu jkun obbligat li jaghtih id-dritta biex ighaddi".*

6. Waqt l-access irrizulta li l-konvenut kellu vizwali fit-tul ta' vetturi gejjin mid-direzzjoni tieghu. L-istess jinghad fir-

rigward ta' l-attur ghall-vetturi gejjin (bhal dik tal-konvenut) minn fuq ix-xellug tieghu, ghalkemm il-vizwali tieghu ma kenitx daqstant fit-tul. Il-fatt li mill-provi rrizulta li l-attur kien qieghed isuq fin-nofs ta' Triq id-Deheb Fin, ma hijiex ta' rilevanza ghall-iskop biex jigi stabbilit minghandu jirrispondi ghall-incident. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ebda wiehed mis-sewwieqa ma waqaf ghal kollox (kif kellu obbligu li jaghmel) beix jesplora t-triq. Lanqas ma rrizulta mill-provi li l-vizwali taz-zewg sewwieqa kienet b'xi mod ostakolata. Mhuwiex verosimili li l-konvenut, qabel ma pproceda biex jaqsam l-inkrocju, hares fuq il-lemin tieghu. Kieku ghamel hekk kien zgur jara l-vann misjuq mill-attur. Il-fatt li l-vettura tal-konvenut giet milquta fil-parti ta' wara taghha, lanqas m'huwa determinanti. Kif rajna anke jekk wasal fuq l-inkrocju qabel l-attur, il-konvenut kien fid-dmir li jieqaf u jesplora t-traffiku gej minn fuq il-lemin tieghu. Dan apparti l-fatt li d-distanza li l-konvenut lehaq saq mill-inkrocju tigi perkorsa f'tebqa ta' ghajn. Bhall-attur, bis-sewqan tieghu l-konvenut qieghed lilu nnifsu u lill-haddiehor f'periklu. Bis-sewqan taghhom iz-zewg sewwieqa ssorprendew lil xulxin u kkrejaw emergenza subitaneja wiehed lill-iehor.

7. Fic-cirkostanzi jidher li huwa gust lil r-ripartizzjoni ghar-responsabbilta ghall-incident jigi stabbilit fil-proporzjon ta' zewg terzi (2/3) u terz (1/3). Peress li l-incident tat-traffiku sehh fi Frar 2001, igifieri wara li gew emendati r-regolamenti

tat-traffiku (Regolament numru 82 tal-*Motor Vehicle Regulations* – Avviz Legali 128 ta' l-1994 kif emendat), ir-responsabbilta ghandha tinqasam terz fuq l-attur u zewg terzi fuq il-konvenut. Fil-fatt il-Kodici tat-Traffiku fir-regolament numru 214 jipprovdi: *"F'salib it-toroq jew għaqda ta' toroq li għandhom l-istess importanza għat-traffiku, meta l-vetturi jaslu f'salib it-toroq jew fil-post ta' fejn jiltaqgħu t-toroq fl-istess waqt,* ***għandha tingħata preċedenza lill-vetturi fuq in-naħa tal-lemin****, jekk ma jkunx hemm tabelli li jindikaw xort' oħra....".*

8. Il-quantum tad-danni m'huwiex qieghed jigi kkontestat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara li l-kontendenti huma responsabbli ghal-incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Frar 2001 gewwa Hal-Qormi, fi proporzjon ta' zewg terzi (2/3) mill-konvenut u terz (1/3) mill-attur.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu

(Lm1,025.89) bhala danni, bl-imghax min-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**